

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2009/C 26/08)

Numru XA: XA 285/08

Stat Membru: Franza

Reġjun: Département de la Moselle

Titolu tal-iskema ta' għajnunja:

Promotion (assistance technique) dans le secteur agricole:

- aide à la communication en faveur de l'agriculture moselane,
- valorisation de l'élevage mosellan par la présentation d'animaux en concours

Bażi legali:

L-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

Articles L 1511-2 et L 1511-5 du code général des collectivités territoriales

Délibération du Conseil général de la Moselle du 15.10.2007

Infq annwali previst fl-ambitu tal-iskema ta' għajnunja: EUR 125 000, li minnhom massimu ta' EUR 80 000 għal dak li jirrigwarda l-valorizzazzjoni tat-trobbija tal-bhejjem (kompetizzjonijiet tal-annimali) u massimu ta' EUR 45 000 għal dak li jirrigwarda l-komunikazzjoni u l-promozzjoni favur l-agrikoltura tal-Moselle

Intensità massima tal-għajnunja:

Il-komunikazzjoni u l-promozzjoni favur l-agrikoltura tal-Moselle:

- Rata ta' intervent: massimu ta' 60 % tal-ispejjeż imġarrba, fil-limitu ta' EUR 750 għall-operazzjonijiet lokali, EUR 2 000 għall-operazzjonijiet kantonali, EUR 5 000 għall-operazzjonijiet b'interess fuq il-livell tad-Dipartiment u EUR 20 000 għall-operazzjonijiet reġjonali u nazzjonali.

Il-valorizzazzjoni tat-trobbija tal-bhejjem:

- rata ta' intervent: 100 %, imma s-sussidji jkunu llimitati għal 20 bovin jew 20 ekwin jew 3 merħliet ta' 8 nagħġiet għal kull raħħal u kull sena (għajr għall-fiera ta' METZ), u:
 - EUR 30 għal kull bovin jew għal kull merħla ta' 8 ovini,
 - EUR 50 għal kull ekwin għall-kompetizzjonijiet tat-trobbija u EUR 25 għall-kompetizzjonijiet tradizzjonali,
 - li magħhom jiżdiedu EUR 70 għall-ispejjeż tat-trasport għall-kompetizzjonijiet tat-trobbija li jsiru fil-Lorraine, fl-

Alsace u fiż-żona tal-fruntiera, jew EUR 200 għall-ispejjeż tat-trasport għall-avvenimenti li jsiru lil hinn minn dawn ir-reġjuni

Data tal-implimentazzjoni: B'bidu mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fis-sit tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea, u b'riserva tal-krediti korrispondenti.

Tul ta' żmien tal-iskema: Tliet snin b'bidu mir-ikonoxximent tal-wasla għand il-Kummissjoni (b'riserva tal-krediti korrispondenti)

Għan u modalitajiet tal-għajnunja:

L-għan huwa li, minn naħa waħda, jingħata appoġġ għall-organizzazzjoni ta' wirjiet agrikoli fid-dipartiment tal-Moselle, kif ukoll il-ħolqien u t-twettiq ta' assistenza għall-promozzjoni tal-agrikoltura tal-Moselle, u minn naħa oħra, li t-trobbija tal-bhejjem fil-Moselle tkun ivvalorizzata permezz tal-preżentazzjoni ta' animali f'kompetizzjonijiet.

L-għajnuniet se jingħataw *in natura* fil-forma ta' servizzi ssussidjati u mhumiex se jimplikaw pagamenti diretti fi flus lill-produtturi.

L-għajnuniet se jingħataw *in natura* fil-forma ta' servizzi ssussidjati u mhumiex se jimplikaw pagamenti diretti fi flus lill-produtturi.

Jistgħu jingħataw għajnuniet biex ikopru l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni (katalgi jew siti tal-internet) li jippreżentaw tagħrif fatwalli fuq il-prodotti tal-Moselle jew fuq il-prodotti ta' kwalità, bil-kundizzjoni li dan it-tagħrif u l-preżentazzjoni tiegħu ikunu newtrali u li l-produtturi kollha kkonċernati jkollhom opportunità indaq li jkunu rrappreżentati fil-pubblikazzjoni.

Fkull każ, is-servizzi pprovduti minn gruppi ta' produtturi jew minn kwalunkwe organizzazzjoni għandhom ikunu aċċessibbli għal kull operatur fiż-żona kkonċernata li jissodisfa l-istess kundizzjonijiet oġġettivi, bl-istess spiża, mingħajr obbligu li jissieħeb fil-grupp jew jidħol membru fl-organizzazzjoni

Is-settur(i) ekonomiku/ċi kkonċernat(i):

Il-produtturi agrikoli kollha tal-Moselle għall-ewwel parti.

Ir-raħħala tal-bovini, l-ovini u l-ekwini tal-Moselle għat-tieni parti.

Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-ghajjnuna:

Monsieur le Président du Conseil général de la Moselle
 Direction de l'Environnement et de l'Aménagement du Territoire
 Division de l'Environnement et de l'Espace Rural (SAEN)
 Hôtel du Département
 1, rue du Pont Moreau
 BP 11096
 F-57036 METZ Cedex 1

Sit tal-Internet:

http://www.cg57.fr/front/go.do?sid=site/environnement_1076429797630/gestion_de_l_espace/agriculture

Numru XA: XA 358/08

Stat Membru: L-Olanda

Reġjun: L-Olanda

**Titlu tal-iskema ta' ghajjnuna jew isem il-kumpanija li tir-
 ċievi ghajjnuna individwali:** Wijzing van de Regeling tijdelijke
 maatregelen dierziekten in verband met de vaccinatie tegen Q-
 koorts

Bażi ġuridika: Artikel 29, eerste lid, 30, vierde lid, en 45, eerste
 en derde lid, van de Diergezondheidswet, artikel 17 van de
 Gezondheids- en welzijnswet voor dieren en artikel 3 van het
 Besluit gebruik sera en entstoffen

**In-nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew l-ammont
 kumplessiv tal-ghajjnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** EUR 160 000

L-intensità massima tal-ghajjnuna: 100 %

Id-data tal-implimentazzjoni: L-20 ta' Ottubru 2008

**Tul ta' żmien tal-iskema jew l-għotja ta' ghajjnuna individ-
 wali:** Sal-1 ta' Jannar 2009

L-għan tal-ghajjnuna: Prevenzjoni u eradikazzjoni tad-deni Q

Is-settur(i) konċernat(i): Is-settur tan-naghaġ u moghoż

Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-ghajjnuna:

Ministerie van LNV
 Postbus 20401
 2500 EK Den Haag
 Nederland

Indirizz tal-internet:

http://www.minlnv.nl/portal/page?_pageid=116,1640321&_dad=portal&_schema=PORTAL&p_file_id=31164

Tagħrif ieħor: Din l-iskema ministerjali tipprovdi għall-possib-
 biltà ta' tilqim ta' nagħaġ u mogħoż kontra d-deni Q f'żona tal-
 Olanda. Dan huwa meħtieġ sabiex jiġi skansat (aktar) id-deni Q
 minħabba n-numru għoli ta' nies u bhejjem infettati fdik iż-
 żona. It-tilqima li tintuża għat-tilqim kontra d-deni Q tingħata
 mingħajr ħlas. Din it-tip ta' ghajjnuna tikkonforma mal-Arti-
 kolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. F'konformità
 mal-Artikolu 10(4), dispożizzjonijiet oħra sabiex jiskansaw l-
 introduzzjoni tad-deni Q diġà japplikaw fuq il-bażi ta' legiżlazz-

zjoni nazzjonali. L-istrateġija ta' tilqim hija parti minn pro-
 gramm nazzjonali biex jiġi skansat u kkontrollat id-deni Q.
 Barra minnhekk, f'konformità mal-paragrafu 7, id-deni Q hija
 marda tal-bhejjem inkluża fil-lista tal-OIE. Inżammet il-konfor-
 mità wkoll mal-paragrafi (3), (5), (6) u (8) tal-Artikolu 10

Numru XA: XA 361/08

Stat Membru: L-Italja

Ir-reġjun: Liguria

Titlu tal-iskema ta' ghajjnuna: Concessione di contributi per
 attività delle Associazioni Allevatori della Liguria

Baži ġuridika: Delibera Giunta Regionale n. 1222 del
 3 ottobre 2008 «Criteri e modalità di concessione dei contributi
 previsti dall'art. 2 della legge regionale n. 36/2000 in adegua-
 mento alle disposizioni di cui al Reg. CE n. 1857/2006 della
 Commissione»

In-nefqa annwali ppjanata skond l-iskema: EUR 800 000
 huwa l-ammont ppjanat għall-2008

Intensità massima tal-ghajjnuna: L-intensità massima ta' għaj-
 nuna hija 100 % tan-nefqa eliġibbli għall-attivitàjiet skond l-Arti-
 kolu 14(2)(a) u Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1857/
 2006; l-intensità massima ta' ghajjnuna hija 40 % tan-nefqa eli-
 gibbli għall-attivitàjiet skond l-Artikolu 16(1)(c) tar-Regolament
 (KE) Nru 1857/2006

Data tal-implimentazzjoni: Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-
 numru ta' identifikazzjoni tat-talba għall-eżenzjoni fuq il-websajt
 tad-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-
 Kummissjoni

**Tul ta' żmien tal-iskema jew l-għoti tal-ghajjnuna individ-
 wali:** Sal-31 ta' Diċembru 2013

L-għan tal-ghajjnuna:

L-attivitàjiet tal-assoċjazzjonijiet li jrabbu l-bhejjem li huma eli-
 gibbli għal fondi huma: il-ħolqien u d-disinn tal-prodotti tal-
 bhejjem, l-forniment tal-ghajjnuna teknika sabiex jiġu mħarrġa
 raħħala li jrabbu bhejjem, servizzi ta' konsulenza (iġifieri mhux
 l-ispejjeż kontinwi jew perjodiċi, jew spejjeż li għandhom
 x'jaqsman man-nefqa normali tat-tħaddim tal-kumpanija), l-
 organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet, wirjiet u
 fieri, u t-tixrid tal-għarfien xjentifiku u informazzjoni dwar il-
 prodotti tal-bhejjem tar-reġjun.

Rigward l-ghajjnuniet li ġejjen huwa preċiżat dan li ġej:

- l-ghajjnuna se tingħata fil-forma ta' servizzi ssussidjati u
 mhux se tinvolvi ħlasijiet diretti f'kontanti lir-raħħala,
- ir-raħħala tal-bhejjem kollha fil-Ligurja huma eliġibbli għal
 din l-ghajjnuna, mingħajr ebda ħtieġa li jkunu membri ta'
 assoċjazzjoni sabiex ikollhom aċċess għas-servizz,
- l-ghajjnuna mhijiex provduta għall-investment,
- l-ghajjnuna sa tingħata skond id-dispożizzjonijiet tal-Arti-
 kolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

Settur(i) konċernat(i): L-għajnuna titħallas lill-impriżi li jrabbu l-bhejjem kollha fil-Ligurja permezz tal-assoċjazzjonijiet tar-raħ-ħala tal-bhejjem

Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-ghajjuna:

Regione Liguria
Dipartimento Agricoltura Protezione Civile e Turismo
Via G. D'Annunzio 113
I-16121 Genoa

Websajt:

http://www.agriligurianet.it/Agrinet/DTS_GENERALE/20081006/delibera1222_1.pdf

IL Direttore del Dipartimento Agricoltura, Protezione civile e Turismo
(Dr. Luca FONTANA)

In-numru XA: XA 371/08

L-Istat Membru: Franza

Reġjuni: Allier

Titlu tal-iskema ta' ghajjuna jew isem l-impriża benefiċjarja tal-ghajjuna individwali: Aides en faveur de la maîtrise de la fièvre catarrhale ovine

Il-bażi ġuridika:

L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

Articles 1511-1 et suivants du code général des collectivités territoriales

Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema ta' ghajjuniet: EUR 100 000

L-intensità massima tal-ghajjuna: 50 % skond il-limiti stipulati fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, jiġifieri massimu ta' 100 %

Id-data tal-implimentazzjoni: minn meta l-Kummissjoni tirreġistra l-eżenzjoni

Tul ta' żmien tal-iskema tal-ghajjuna jew tal-ghajjuna individwali: 2008-2009

L-għan tal-ghajjuna:

Sa mill-2007 id-Dipartiment ta' Allier ġie infettat bis-serotip 8 tal-vajrus tal-bluetongue fil-bhejjem. Din il-marda mhux biss għandha konsegwenzi dirett i(mard, mortalità, aborti, telf fil-produzzjoni) iżda wkoll dawk indiretti (sterilità temporanja fl-annimali maskili, irregolaritajiet fiċ-ċiklu mensturwali). Fir-rigward tat-trobbija tan-ngħaġ, l-isterilità tal-imtaten tista' ddum iktar minn 3 xhur qabel l-irkupru sħiħ tal-funzjoni ġenitali. Għaldaqstant, l-imtaten b'sinjali kliniċi mhumix adattati għall-istaġun ta' tgħammir li jibda f'Settembru li ġej.

Bosta riskji huma involuti:

— Jista' jagħti l-każ li l-imtaten ikollhom sinjali kliniċi mohbjin u li l-bdiewa ma jkunux osservawhom. Dawn għandhom ċans kbir li jkunu sterili.

— L-użu tal-imtaten li jkollhom funzjoni ġenitali difettuża jista' jwassal għal rata għolja ta' nghanġ li ma jinqabdux tqal. Jekk ma jittieħdux passi minn kmieni l-produzzjoni ta' ħrief għal dan l-istaġun tista' titqiegħed f'periklu totali.

Barra mill-kampanja ta' tilqim (tilqim iffanzjat mill-Unjoni Ewropea), il-Kunsill ġenerali jixtieq jimplimenta żewġ miżuri sabiex din il-marda tiġi kkontrollata aħjar:

— Il-kontroll tal-isperma tal-imtaten

L-eżaminazzjoni mikroskopika tagħti lok għal dijanjożi rapida u b'hekk jiġu eliminati kwalunkwe annimali maskili li setgħu kienu f'kuntatt mal-marda bluetongue.

— L-ekografija tan-ngħaġ

It-tweqq tal-ekografija minn xahar sa xahar u nofs wara li jkunu tgħammru mal-imtaten, jagħti lok għal osservazzjoni bikrija tan-ngħaġ li ma jinqabdux tqal sabiex jerġa' jsir il-proċess ta' tgħammir u jitneħħa n-ngħaġ li seta' kien f'kuntatt mal-marda bluetongue

L-ghajjuna li tammonta għal 50 % tal-ispejjeż se tkun fl-għamla ta' servizzi ssussidjati u mhux ta' ħlas dirett lill-produtturi

Settur(i) kkonċernat(i): Is-setturi tat-trobbija tan-ngħaġ u tal-mogħoż.

L-isem u l-indirizz tal-awtorità li tagħti l-ghajjuna:

Conseil général de l'Allier
1, avenue Victor Hugo
BP 1669
F-03016 MOULINS Cedex

Indirizz tas-sit elettroniku:

<http://actes-administratifs.allier.fr/actes/55954.pdf>

Tagħrif ieħor: —

In-numru tal-XA: XA 372/08

L-Istat Membru: L-Italja

Reġjun: Emilia-Romagna (Camera di Commercio di Bologna)

Titlu tal-iskema ta' ghajjuna jew isem il-kumpanija li tir-ċievi l-ghajjuna individwali: Regolamento camerale per l'assegnazione alle imprese della provincia di Bologna di contributi in conto abbattimento interessi

Il-bażi ġuridika: Regolamento della Camera di Commercio di Bologna approvato con deliberazione della Giunta camerale n. 185 del 16 settembre 2008

Nefqa annwali ppjanata għall-iskema jew ammont annwali kumplessiv tal-ghajjuna individwali mogħtija lis-soċjetà: Ammont massimu annwali għal kull settur agrikolu primarju EUR 150 000

Intensità massima tal-ghajjnuna: 10 % tal-ispejjeż permessi. L-miżura tal-ghajjnuna, li tinkludi dik li tiffavorixxi l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-farm, ma tistax fl-ebda każ tkun aktar mill-limiti stabbiliti tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. L-ghajjnuna medja għandha tkun ta' 5 % tal-ispejjeż permessi

Data tal-applikazzjoni: Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni tat-talba għall-eżenzjoni fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Agrikoltura u għall-Iżvilupp Rurali

Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-ghajjnuna individwali: 31.12.2013

L-għan tal-ghajjnuna:

Il-konxja mid-diffikultajiet li jiffaċċjaw l-impriżi żgħar u ta' daqs medju għal aċċess tal-kreditu, taħseb għal għotjiet diretti fil-forma ta' pagament wieħed, kalkulat bħala proporzjon tal-interess totali imnaqqas dovut fuq self bankarju fuq terminu medju u twil, bil-għan biex jittawwal iż-żmien medju tad-dejn u għal konsolidazzjoni tal-istruttura finanzjarja tal-azjendi.

L-investment għandu partikolarment isegwi l-għanijiet li ġejjien:

- (a) tnaqqis tal-ispejjeż tal-produzzjoni;
- (b) titjib u konverżjoni tal-produzzjoni;
- (c) titjib tal-kwalità;
- (d) ħarsien u titjib tal-ambjent naturali jew tal-kundizzjonijiet ta' iġjene u tal-benessri tal-annimali.

L-iskema tirrapreżenta forma ta' appoġġ għal investimenti fil-farms skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

Għal impriżi attivi fil-produzzjoni primarja fl-agrikoltura, l-ispejjeż li ġejjien huma eliġibbli:

- (a) il-kostruzzjoni, l-akkwist jew it-titjib ta' propjetà immobbli;
- (b) ix-xiri jew it-twellija bil-patt tax-xiri ta' makkinarju u apparat, inkluż softwer tal-kompjuter sal-valur tas-suq tal-assi;
- (c) l-ispejjeż ġenerali, marbuta man-nefqa skond (a) u (b), bħala miżati għal periti, inġiniera u konsulenti, studji ta' vijabbiltà, l-akkwist ta' drittijiet u liċenzji.

L-ispejjeż marbuta mal-kuntratti tal-kiri minbarra għal dawk mniżżla f(b), bħal taxxi, marġini ta' sid il-kera, interessi, spejjeż ta' rifinanzjament, spejjeż ġenerali, ħlas tal-assigurazzjoni mhumiex eliġibbli.

Investimenti sempliċi ta' sostizzjoni mhumiex eliġibbli. Ma jistgħux jingħataw għajjniet għall-manifattura ta' prodotti jew ta' sostituzzjoni tal-ħalib jew tal-prodotti mill-ħalib.

Ix-xiri ma jistax isir qabel ma tiġi approvata r-rikjesta għall-assistenza mill-istituzzjonijiet tal-garanzija u għandhom jtnaqqsu mill-għola limitu li kien diġà mogħti lillhom mill-Kamra tal-Kummerċ bħala parti mir-riżorsi disponibbli fil-baġits. Għall-approvazzjoni tar-rikjesta hija mifhuma d-data fejn l-entità ta' garanzija, wara li tiġi eżaminata t-talba ta' kontribuzzjoni, tkun aċċertat l-applikazzjonijiet kollha ta' ghajjnuna kif stabbilit mir-Regolament tal-Kamra, u tkun ikkalkulat l-ghajjnuna mħallsa fuq

il-bażi tal-għola limitu stabbilit mill-Kamra tal-Kummerċ għall-approvazzjoni tal-applikazzjoni tal-ghajjnuna

Is-settur(i) kkonċernat(i):

Is-setturi kollha li jikkonċernaw lill-produzzjoni agrikola primarja (biedja u trobbija tal-bhejjem).

L-iskema taħseb ukoll għal appoġġ ta' setturi oħrajn li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 1998/2006 dwar għajjniet ta' importanza minuri (*de minimis*)

L-isem u l-indirizz tal-awtorità li qed tagħti l-ghajjnuna:

Camera di Commercio I.A.A. di Bologna
Piazza Mercanzia 4
I-40125 Bologna

Websajt:

<http://www.bo.camcom.it/intranet/ALTRI-SERV/DIRITTO-AN/Consozi-F/index.htm>

Tagħrif ieħor:

L-iskema preżenti tibdel mill-2008 l-ghajjnuna tal-iskema ta' eżenzjoni Nru XA 306/07, fejn għandha tibqa biss għal-likwidazzjonijiet rappurtati fin-notifika 2007.

Il Presidente della Camera di Commercio di Bologna
(Bruno Filetti)

Numru XA: XA 376/08

Stat Membru: Ir-Repubblika tas-Slovenja

Ir-reġjun: Območje občine Podlehnik

Titlu tal-iskema ta' ghajjnuna jew isem il-kumpanija li qed tirċievi ghajjnuna individwali: Finanċne intervencije v kmetijstvu v občini Podlehnik

Bażi ġuridika: Pravilnik o dodeljevanju državnih pomoči za ohranjanje in razvoj kmetijstva in podeželja v občini Podlehnik za programsko obdobje 2008–2013

In-nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew l-ammont kumplessiv tal-ghajjnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:

2008: EUR 10 000
2009: EUR 10 000
2010: EUR 10 000
2011: EUR 10 000
2012: EUR 10 000
2013: EUR 10 000

Intensità massima tal-ghajjnuna:

1. *Investiment f'impriżi agrikoli għall-produzzjoni primarja:*

- sa 50 % tal-ispejjeż għall-investment fiż-żoni żvantaġġati (LFA),
- sa 40 % tal-ispejjeż għal investment f'żoni oħrajn,

- sa 60 % tal-ispejjeż għal investiment fiż-żoni żvantaġġati, jekk l-investiment huwa magħmul minn bdiewa żgħira-żgħira fi żmien ħames snin mill-istabbiliment tagħhom,
 - l-ghajjnuna hija pprovduta fil-forma ta' għotjiet u l-kofinanzjament tal-interess fuq is-self.
2. *Konservazzjoni tal-pajsaġġi u tal-bini tradizzjonali:*
- sa 75 % f'żoni żvantaġġati jew sa 60 % f'żoni oħrajn, għall-investiment għall-produzzjoni, sakemm ma jkunx hemm żieda fil-potenzjal produttiv tal-farm,
 - sa 100 % tal-ispejjeż ta' investiment għall-konservazzjoni ta' karatteristiċi ta' wirt mhux produttivi li jinsabu f'żjendi agrikoli,
 - sa 100 % tal-ispejjeż imġarrba bl-użu ta' materjali tradizzjonali.
3. *Għajjnuna għall-ħlas tal-primjums tal-assigurazzjoni:*
- sa 50 % tal-ispejjeż għall-primjums ta' assicurazzjoni għall-uċuħ, frott u każijiet ta' mard fost il-bhejjem.
4. *Għajjnuna biex titħeġġeġ il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità:*
- sa 50 % tal-ispejjeż; l-ghajjnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi ssussidjati u ma tinvolvi x ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi.
5. *Il-provvista ta' appoġġ tekniku:*
- sa 50 % tal-ispejjeż rigward l-educazzjoni u t-taħriġ tal-bidwi, servizzi ta' konsulenza, l-organizzazzjoni ta' fora, kompetizzjonijiet, wirjiet, fieri, pubblikazzjonijiet, katalogi u websajts, it-tixrid tal-għarfien xjentifiku u l-bdil tal-bidwi u ta' sieħeb il-bidwi matul il-mard u l-liv,
 - l-ghajjnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi ssussidjati u ma tinvolvi x ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi

Data tal-implimentazzjoni: L-10 ta' Novembru 2008 (l-ghajjnuna ma tingħatax qabel mas-sinteżi tiġi ppubblikata fil-websajt tal-Kummissjoni Ewropea)

Tul ta' żmien tal-iskema jew l-għoti tal-ghajjnuna individwali: Sal-31 ta' Diċembru 2013

L-għan tal-ghajjnuna: Appoġġ lill-SMEs

Referenza għall-Artikoli tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 u l-ispejjeż eliġibbli:

L-abbozz tar-Regoli dwar l-għoti tal-ghajjnuna mill-Istat għall-konservazzjoni u l-iżvilupp tal-agrikoltura u taż-żoni rurali fil-muniċipalità ta' Podlehnik għall-perjodu ta' programmazzjoni 2008-13 jinkludi miżuri li jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat skond l-Artikoli segwenti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-ghajjnuna mill-Istat lill-impriżi żgħira u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3):

- l-Artikolu 4: Investiment f'żjendi agrikoli,
- l-Artikolu 5: Konservazzjoni tal-pajsaġġi u l-bini tradizzjonali,
- l-Artikolu 12: Għajjnuna għall-ħlasijiet ta' primjums tal-assigurazzjoni,
- l-Artikolu 14: Għajjnuna biex titħeġġeġ il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità,
- l-Artikolu 15: Provvista ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu

Settur(i) konċernat(i): L-agrikoltura

Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-ghajjnuna:

Občina Podlehnik
Podlehnik 21
SLO-2286 Podlehnik

Websajt:

<http://www.lex-localis.info/KatalogInformacij/VsebinaDokumenta.aspx?SectionID=daf9302d-9567-40d2-8c1f-a3744dce0ec6>

Tagħrif ieħor:

Il-miżura għall-ħlas ta' primjums tal-assigurazzjoni biex jiġu assigurati l-uċuħ u l-frott tinkludi l-avvenimenti ta' maltemp li ġejjin li jistgħu jittqiesu bħala diżastri naturali: ġlata tar-rebbiegħa, silġ, sajjetti, nar ikkawżat mis-sajjetti, tempesti u għarġar.

Ir-Regoli tal-muniċipalità jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 fir-rigward tal-miżuri adottati mill-muniċipalità u d-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli (proċeduri qabel tingħata l-ghajjnuna, l-akkumulazzjoni, it-trasparenza u s-sorveljanza tal-ghajjnuna)

Podpis odgovernne osebe

Miran KRAJNC
Občina Podlehnik